TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 114/2023/F

Christopher Casaletto

vs

Renald Scerri

Illum, 28 ta' Mejju 2024

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-26 ta' Ġunju 2023;

Ra li l-Intimat ġie notifikat bl-Avviż tat-Talba nhar it-18 ta' April 2024 u minkejja dan, la ppreżenta Risposta u lanqas ma attenda għas-seduti quddiem it-Tribunal;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent Christopher Casaletto bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-Rikorrent qed jitlob il-ħlas ossija rifużjoni tas-somma ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) rappreżentanti s-somma li għadda lill-Intimat bħala *deposit* fuq xogħol ta' tiswijiet fuq għamara.

Illi fix-xhieda tiegħu bil-ġurament, ir-Rikorrent jispjega li minkejja li fit-12 ta' Jannar 2022 huwa kien għadda l-ammont mitlub biex l-intimat ikun jista' jibqa' x-xogħlijiet fuq l-għamara kif miftiehem, ix-xogħol baqa' qatt ma nbeda' u l-intimat eventwalment qata' kull kuntatt miegħu. Minkejja dan, l-ammont ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) li tħallas bħala *deposit* qatt ma ġie ritornat.

Illi l-intimat li ppreżenta Risposta u lanqas ma deher għas-seduta tas-27 ta' Mejju 2024 quddiem it-Tribunal u għalhekk, bl-assenza inġustifikata tiegħu għas-seduta, l-intimat naqas milli jagħti l-verżjoni tal-fatti skontu. Intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni;

Illi jirriżulta li dak li qed jitolbu r-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tiegħu bħala Konsumatur.

Illi t-Tribunal iqis li li r-Rikorrent irnexxielu jipprova l-każ tiegħu sodisfaċentament u skont il-liġi u għalhekk, ser jgħaddi biex jilqa' din it-Talba.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u konsegwentament jikkundanna lill-Intimat sabiex immedjatament iħallas lir-Rikorrent s-somma ta' mitejn u ħamsin Euro (€250).

L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tal-Intimat.

Avv. Mattia Felice
Arbitru